**179. L-Onor. Adrian Delia, l-Onor. Karol Aquilina, l-Onor. Robert Cutajar jipproponu:**

Peress li nhar it-Tnejn 16 ta' Ottubru 2017 ġiet assassinata bl-aktar mod brutali l-ġurnalista Daphne Caruana Galizia u dan huwa minnu nnifsu theddida mill-aktar gravi għad-dritt ta' kull ċittadin għal-libertà ta' espressjoni, għal-libertà tal-istampa, għall-protezzjoni tal-ġurnalisti u għat-tħaddim tas-saltna tad-dritt f'pajjiżna;

Peress li rapport f'ġurnali lokali u internazzjonali taw informazzjoni dwar il-qrubija ta' membri tal-Kabinett tal-Ministri sew mal-akkużati bl-assassinju kif ukoll ma' dawk li qed jinvestigawh u l-ġustizzja mhux biss trid issir iżda trid tidher li qed issir;

Peress li l-Qorti Kostituzzjonali kkundannat lill-Gvern għall-mod kif tmexxiet l-investigazzjoni dwar l-assassinju tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia bl-involviment tad-Deputat Kummissarju li jiġi r-raġel tal-Ministru għal Għawdex, l-Onor. Justyne Caruana, liema involviment wassal għall-ksur tal-indipendenza u imparzjalità meħtieġa f'investigazzjoni dwar telf ta' ħajja, u saħansitra ordnat it-tneħħija tad-Deputat Kummissarju mit-tkomplija tal-investigazzjoni; u

Peress li saru numru ta' talbiet għal inkjesta pubblika prinċipalment mill-familja tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia u mill-Kap tal-Oppożizzjoni Adrian Delia, dwar l-aġir jew nuqqasijiet tal-awtoritajiet ta' pajjiżna dwar dan l-assassinju.

Għalhekk din il-Kamra taqbel u tirriżolvi li:

1. Ittenni l-kundanna tagħha għall-assassinju tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia.

2. Għandu jkun hemm minnufih talba għar-riżenja tal-Avukat Ġenerali u tal-Kummissarju talPulizija u minflokhom jinħatru persuni oħrajn li jkollhom d-dmir li minnufih jinvestigaw b'imparzjalitå sabiex il-mandanti ta' dan I-omiéidju politiku jinqabdu.

3. Il-Prim Ministru għandu jaħtar Bord ta' Inkjesta dwar l-assassinju tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia, skont l-Att dwar l-Inkjesti (Kap. 273 tal-Liġijiet ta' Malta) u li jkun għal kollox indipendenti mill-Korp tal-Pulizija u mill-Gvern, sabiex jeżamina:

    a. Jekk l-awtoritajiet ta' pajjiżna kenux jafu, jew kellhomx ikunu konxji ta' riskju reali u immedjat għall-ħajja tal-ġurnalista Daphne Caruna Galizia;

    b. Jekk il-miżuri li ħadu l-awtoritajiet ta' pajjiżna kenux adegwati biex jipproteġu l-ħajja tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia minn dak ir-riskju; u

    c. X'miżuri għandu jieħu pajjiżna biex l-awtoritajiet jimpedixxi milli jiġu assassinati ġurnalisti oħra u attivisti kontra l-korruzzjoni u dan billi jiġu identifikati dawk ir-riżorsi, *policies*, liġijiet u regolamenti li l-Parlament u l-Gvern għandhom idaħħlu fis-seħħ biex jiżguraw li f'pajjiżna l-ġurnalisti jkollhom protezzjoni effettiva fil-qadi ta' dmirijithom fit-tfittxija għall-verità u biex jassiguraw ukoll libertà tal-istampa u d-dritt għal-libertà ta' espressjoni effettiv għal kull ċittadin.

4. Il-Bord ta’ Inkjesta għandu jkun kompost minn dak in-numru ta’ persuni magħrufa għall-integrità u l-onestà tagħhom, b’wieħed minnhom iservi bħala *Chairman*, maħtura mill-Prim Ministru wara riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati li jkollha favur tagħha l-voti ta’ mhux anqas minn żewg terzi tal-Membri kollha tal-Kamra.

5. Il-Bord ta’ Inkjesta għandu jkollu dawk il-mezzi, ir-riżorsi u s-sostenn loġistiku li fil-fehma tal-istess Bord ta’ Inkjesta jkunu meħtiega sabiex iwettaq l-inkarigu mogħti lilu.

6. Il-Bord ta’ Inkjesta għandu jippreżenta r-rapport tiegħu lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati fl-istess ħin u mhux aktar tard minn sitt xhur mid-data tal-lum u r-rapport għandu jiġi ppubblikat minnufih u b’mod sħiħ mill-Iskrivan tal-Kamra.

15.10.2018

**L-Onor. Marlene Farrugia ressqet din l-emenda ‘A’:**

Din il-Kamra tirriżolvi li l-Mozzjoni Nru 179 tiġi emendata b’dan il-mod:

Illi l-kliem kollu minn “Peress” fl-ewwel linja sa “Kamra” fl-aħħar linja (inkluż) għandu jiġi ingassat u minflok jiddaħħal:

“Peress li nhar it-28 ta’ Diċembru 1977 inqatlet Karen Grech b’ittra bomba li kienet indirizzata lil missierha Prof. Edwin Grech, liema ittra bomba ntbagħtet matul l-istrajk tat-tobba u liema delitt ġie deskritt mill-Arċisqof ta’ dak iż-żmien, Mikiel Gonzi, bħala l-ewwel attakk terroristiku f’Malta;

Peress li fil-5 ta’ Diċembru 1986 inqatel Raymond Caruana wara *drive by shooting* fuq il-każin tal-Partit Nazzjonalista fil-Gudja u li dan id-delitt seħħ matul perjodu ta’ taqlib politiku kbir f’Malta;

Peress li nhar it-Tnejn, 16 ta’ Ottubru 2017, ġiet assassinata bl-aktar mod brutali l-ġurnalista Daphne Caruana Galizia u dan huwa minnu nnifsu theddida mill-aktar gravi għad-dritt ta’ kull ċittadin għal-libertà ta’ espressjoni, għal-libertà tal-istampa, għall-protezzjoni tal-ġurnalisti u għat-tħaddim tas-saltna tad-dritt f’pajjiżna;

Peress li f’kull wieħed minn dawn it-tliet każijiet jidher ċar li l-awtoritajiet kienu fid-dmir li jipproteġu ħajjet kull vittma, dan skont artiklu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Umani, liema Konvenzjoni Malta hi firmatarja tagħha;

Illi għandha tinħatar kummissjoni verament independenti mill-politika, il-Gvern, l-Oppożizzjoni u l-pulizija Maltija, liema kummissjoni għandha ġġib l-isem ta’ Kummissjoni Verità u Ġustizzja u titwaqqaf;

Illi l-Kummissjoni għall-Verità u Ġustizzja għandha:

1. tinvestiga ċ-ċirkostanzi tal-assassinju ta’ Karen Grech, Raymond Caruana u Daphne Caruana Galizia;

2. tiddetermina jekk l-awtoritajiet ta’ pajjiżna kenux jafu, jew kellhomx ikunu konxji ta’ riskju reali u immedjat għal ħajjet Prof. Edwin Grech u familtu, Raymond Caruana u l-ġurnalista Daphne Caruana Galizia u jekk il-miżuri li ħadu l-awtoritajiet f’kull wieħed minn dawn il-każijiet kenux adegwati biex jipproteġu ħajjet il-vittmi u qrabathom;

3. teżamina jekk kienx hemm responsabiltà tal-Istat (kemm jekk intenzjonata kif ukoll jekk b’negliġenza) li jevita dawn id-delitti u jipproteġi ħajjet il-vittmi;

4. tikkunsidra jekk id-drittijiet umani tal-vittmi ta’ dawn id-delitti u qrabathom ġewx miċħuda; u

5. tagħmel rakkomandazzjonijiet għal miżuri sabiex issaħħaħ l-ambjent politiku Malti u l-libertà tal-espressjoni, inkluż il-protezzjoni ġurnalistika, fosthom, *policies*, liġijiet u regolamenti u b’hekk jiġi impedit li jinqatlu aktar ċittadini.

Illi l-Kummissjoni għall-Verità u Ġustizzja għandha tkun preseduta minn president permanenti, liema president għandha tkun l-istess persuna li tokkupa l-kariga ta' Kummissarju tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa.

Illi l-president tal-Kummissjoni għall-Verità u Ġustizzja għandu jkollu s-setgħa jwaqqaf bord jew bordijiet ta' inkjesta li jaħdmu sabiex jilħqu l-għanijiet tal-Kummissjoni għall-Verità u Ġustizzja, liema bordijiet għandhom ikunu komposti minn individwi li huma ta' esperjenza ppruvata fil-qasam tad-drittijiet umani u li ma jkollhom ebda konnessjoni mal-gvern kurrenti jew dawk preċedenti, il-politika Maltija u l-pulizija Maltija.

Illi l-president tal-Kummissjoni għall-Verità u Ġustizzja għandu jfassal *terms of reference* għall-operat tal-Kummissjoni għall-Verità u Ġustizzja, liema *terms of reference* għandhom jitfasslu wara konsultazzjoni mal-kumitat li jirrappreżenta l-interessi tal-vittmi, kompost minn rappreżentanti tal-qraba ta' kull vittma (tliet rappreżentanti b'kollox) u kumitat legali kompost minn tliet membri li jkunu l-Prim Imħallef u ż-żewġ l-aktar imħallfin anzjani.

Illi l-Kummissjoni għall-Verità u Ġustizzja għandu jkollha dawk il-mezzi, ir-riżorsi u s-sostenn loġistiku li fil-fehma tal-istess Kummissjoni għall-Verità u Ġustizzja jkunu meħtieġa sabiex twettaq l-inkarigu mogħti lilha.

Illi l-Kummissjoni għall-Verità u Ġustizzja għandu jkollha s-setgħa li tordna li xhieda jixhdu quddiem il-bordijiet imwaqqfa minnha.

Illi l-Kummissjoni għall-Verità u Ġustizzja għandha tipprepara rapport differenti fuq kull vittma dwar is-sejbien tagħha dwar il-vittma rilevanti.

Għalhekk din il-Kamra taqbel u tirriżolvi li:

1. Ittenni l-kundanna tagħha għall-qtil ta' Karen Grech, Raymond Caruana u Daphne Caruana Galizia;

2. Tibda l-preparamenti neċessarji sabiex titwaqqaf il-Kummissjoni għall-Verità u Ġustizzja;

3. Tagħti l-permess li jitressaq abbozz ta' liġi sabiex isiru l-emendi hawn annessi fl-Att Dwar l-Inkjesti (Kap. 273 tal-Liġijiet ta' Malta) skond kif anness ma' din il-mozzjoni; u

4. Tqis li tali abbozz ta' liġi għandu jiġi kkunsidrat bħala ta' natura urġenti u speċjali, għalhekk għandu jitqies f'seduta waħda.

**Il-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali ressaq din l-emenda 'B':**

Illi l-Mozzjoni numru 179 ppreżentata mill-Onor. Kap tal-Oppożizzjoni, mill-Onor. Karol Aquilina u mill-Onor. Robert Cutajar għandha tiġi emendata kif ġej:

1. It-tieni u t-tielet paragrafi tal-mozzjoni kif preżentata għandhom jitħassru u jiġu sostitwiti b' dan li ġej:

"Peress li l-Gvern u l-istituzzjonijiet investigattivi, tas-sigurtà, tal-prosekuzzjoni u Ġudizzjarji ta' pajjiżna għamlu u għadhom qed jagħmlu dak kollu li jistgħu biex il-każ jiġi solvut u prosegwit b'suċċess skont il-liġi, u skont il-prinċipji tas-saltna tad-dritt;

Peress illi l-Gvern ma baqax lura milli jinvolvi ukoll forzi tal-pulizija internazzjonali u barranin fl-investigazzjoni u ddedika r-riżorsi kollha li hemm bżonn għall-investigazzjoni;

Peress illi bħala riżultat tal-investigazzjonijiet estensivi u metikolużi li saru, sa xahrejn wara l-qtil kienu diġà tressqu tliet persuni quddiem il-qorti akkużati bit-twettiq tar-reat u l-Qorti ddeċidiet li hemm provi biżżejjed biex jitqegħdu taħt Att ta' Akkuża;

Peress illi l-investigazzjoni tal-każ qiegħda tkompli u huwa importanti li din titħalla tipproċedi skont il-liġi u ma tiġix svijata;"

2. Fir-raba' paragrafu tal-mozzjoni kif preżentata l-kliem "Peress li" għandu jiġi sostitwit bil-kliem "Peress li minkejja dan";

3. Minnufih wara r-raba' paragrafu tal-mozzjoni kif preżentata għandu jiżdied dan li ġej:

"Peress illi din il-Kamra tinnota r-rieda espressa mill-Prim Ministru li anke jsejjaħ inkjesta ulterjuri dwar jekk il-qtil setax jiġi evitat hekk kif mitlub mill-familja tal-vittma liema aspett però wieħed ma jistax jeskludi li qiegħed jiġi ukoll mistħarreġ bħala parti mill-investigazzjoni Maġisterjali kurrenti; u

Peress illi din il-Kamra taqbel li ma għandhiex tiġi eskluża l-possibilità ta' investigazzjonijiet oħra bħal dawk proposti iżda l-Gvern xorta jibqa' jġorr l-obbligu li jiżen sew kull suġġeriment li jsir mill-perspettiva tal-valur miżjud tiegħu u jqis sew jekk l-implimentazzjoni ta' dak is-suġġeriment f'xi żmien partikolari tkunx tgħin jew tfixkel l-investigazzjoni ewlenija tar-reat illi hija dik kondotta mill-Maġistrat Inkwirenti."

4. Illi fil-parti riżoluttiva u konklużiva tal-mozzjoni l-parti mill-paragrafu numru 2 sal-aħħar paragrafu tal-mozzjoni (it-tnejn inklużi) għandha tiġi mħassra u sostitwita b' dan li ġej:

"2. Tafferma l-importanza tar-rwol ta' midja f'soċjeta demokratika fir-rispett ukoll tal-obbligi u tar-responsabbilitajiet illi l-eserċizzju tad-dritt tal-libertà tal-espressjoni jġib miegħu u tinnota b'approvazzjoni d-diversi passi leġislattivi pożittivi meħuda minn din il-Kamra f'dawn l-aħħar snin biex jissaħħaħ l-eserċizzju tad-dritt tal-libertà tal-

espressjoni fil-forom kollha tiegħu, inklużi fost oħrajn dik politika, ġurnalistika, letterarja u artistika;

3. Tagħti l-appoġġ sħiħ u bla riżervi tagħha lill-awtoritajiet ġudizzjarji, legali, tal-forzi tal-ordni u tas-sigurtà għax-xogħol li wettqu u li għadhom qed iwettqu in relazzjoni mal-imsemmi delitt;

4. Ittenni l-appoġġ sħiħ tagħha għad-deċizjoni għaqlija tal-Gvern li jqis bis-sħiħ kull proposta li tista' tiswa għas-suċċess tal-investigazzjoni u għat-tisħiħ tal-istat tad-dritt b' mod iżda li ma joħloqx intralċ fil-prosegwiment tal-investigazzjoni, u tal-prosekuzzjoni ta' reati skont is-sistemi legali diġà stabbiliti f'Malta."

**L-Emenda "A" m'għaddietx.**

**L-Emenda "B" għaddiet.**

**Il-mozzjoni, kif emendata, għaddiet fis-Seduta 181 tat-12 ta' Diċembru 2018.**